**25 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

L C

*versus*

A C

**Nullita` ta' Żwieġ - Difett Serju tad-Diskrezzjoni ta' Ġudizzju fuq il-Ħajja Miżżewġa - Użu ta' Droga**

*F'dan il-każ, wara eżami taċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti waslet għal konklużjoni li ż-żwieġ kien null.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fid-19 ta' Novembru, 1988, il-kontendenti ċċelebraw żwieġ bejniethom permezz tar-rit Ekklesjastiku u Ċivili,

u

Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli li taqdi d-doveri matrimonjali tagħha;

Premess illi l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni bonarja ddatata il-21 ta' Lulju, 1991;

Premess illi għalhekk l-imsemmi żwieġ huwa null;

Talbet li din il-Qorti:

Tiddikjara l-imsemmi żwieġ null għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bħala konsegwenza għall-ewwel talba, tawtorizza li l-kunjom l-attriċi jirreverti għal kunjom xbubitha ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess attriċi, il-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa rrimetta ruħu għall-ġudizzju superjuri ta' dina l-Qorti skond il-provi li nġabru quddiemha u għamel ukoll riserva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenut u l-lista

tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Marzu, 1993 li permezz tiegħu ġiet innominata l-avukata Dottoressa Yana Micallef Stafrace bħala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi wara li tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet issollevati u tagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 96 *et seq* tal-proċess u li ġiet minnha debitament ikkonfermata fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 1994;

Semgħet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi pprezentat din iċ-ċitazzjoni biex jiġi ddikjarat null u bla effett iż-żwieġ li hija ċċelebrat mal-konvenut A C fid-19 ta' Novembru, 1988 u dan fuq il-premessa li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha jew minħabba anomalija psikoloġika serja li għamlitha għalihom impossibbli li jaqdu d-doveri tagħhom skond il-liġi;

Illi f'din il-kawża ġew ippreżentatai bosta affidavits u l-partijiet u x-xhieda xehdu wkoll *viva voce* quddiem il-perit legali u l-Qorti tifhem li nġabru provi biżżejjed biex ikollha stampa pjuttost ċara taċ-ċirkostanzi tal-kontendenti kemm qabel iż-żwieġ kif ukoll fil-perijodu wara li żżewġu;

Illi mir-riżultanzi proċesswali jidher li l-konvenut kien ġej minn familja illi kienu fin-negozju pero` minħabba nuqqas tiegħu huwa ma baqax jaħdem mal-familjari tiegħu u sab impjieg għalrasu; jidher ukoll li huwa ma tantx kien stabbli fl-impjiegi tiegħu għalkemm wera preferenza għall-xogħol li jkun ta' bil-lejl; dana qed jingħad għaliex jirriżulta ampjament li l-attriċi ripetutament insistiet miegħu illi huwa ma jaħdimx bil-lejl peress illi anke hija kienet impjegata matul il-ġurnata u għalhekk ma kienx sewwa illi huma ma kienx ikollhom l-opportunita` li jiltaqgħu regolarment fid-dar familjari minħabba l-impjieg ta' bil-lejl tal-konvenut;

Illi jirriżulta b'mod ċar li l-attriċi kienet għamlitha kondizzjoni illi huwa għandu jitlaq mix-xogħol ta' bil-lejl għax inkella ma kinitx sejra tiżżewġu; dan il-fatt ġie kkonfermat minn diversi xhieda u anqas ġie nnegat mill-konvenut meta huwa tressaq biex jagħti x-xhieda tiegħu wara ħafna tentattivi biex dan isir; dwar hekk, fix-xhieda tiegħu quddiem il-perit legali l-konvenut stqarr "għalkemm naf li hi qaltli li ma kinitx tiżżewwiġni jekk jiena nibda naħdem bil-lejl, peress li hi kienet isemmihieli diversi drabi fil-kuntest tal-ħaxixa u x-xogħol ta' bil-lejl, din il-biċċa li jekk ma niqafx ma kinitx ser tiżżewwiġni, ma tantx kont neħodha bis-serjeta`";

Illi għalhekk jidher ukoll li kien hemm problema kbira relatata ma' l-użu tad-droga; il-konvenut stess jammetti illi huwa sa minn qabel iż-żwieġ kien soġġett għal dan il-vizzju, pero` jipprova jagħti stampa li fiha anke l-attrċi stess kienet tipparteċipa f'dan il-vizzju; huwa pero` għamilha ċara illi dan kien għall-bidu biss, u meta waslu għaż-żwieġ l-attriċi kienet assolutament kontrarja għad-droga tant li huwa jħoss li hija daret kontra d-droga; fi kliem, l-istess konvenut "kont nieħu l-ħaxixa kważi kuljum. Fl-aħħar ta' l-għarusijia L ma kinitx tkun taf dejjem li kont nieħu l-ħaxixa. L kienet tgħidli diversi

drabi biex nieqaf. Kull darba li kien ikollna xi ngħidu kienet timplorani biex nieqaf. Hi riditni nieqaf għax kienet daret kontra l-ħaxixa. Hi minn ta' l-inqas darba qaltli li jekk ma nieqafx ma niżżewġux. Jiena ġieli waqaft inpejjep il-ħaxixa iżda dejjem erġajt bdejt";

Irriżulta wkoll illi l-konvenut beda kemm-il darba l-kors organizzat mill-Caritas biex jgħinu lin-nies soġġetti għad-droga, pero` "jiena kont mort għall-*outpatients* il-Caritas biex naqta'. Naħseb li kien wara ż-żwieġ. L-ewwel darba li mort, kont mort diversi xhur imbagħad xbajt. Jiena kont mort fuq insistenza tal-familjari. L-ewwel darba li mort il-Caritas ma kontx ħassejt li kelli mmur, iżda erġajt mort darba oħra u għadni mmur illum okkażjonalment";

Illi mill-ġbir tal-provi, din l-istampa dehret pjuttost ċara anke fid-dawl ta' dak li xehed wieħed ħabib tagħhom it-tnejn, Silvio Fenech, li b'mod veritier spjega kif il-vizzju tax-xorb u tad-droga wassal għal sitwazzjoni insostenibbli;

Illi inoltre l-Qorti tat ukoll piż qawwi lil Kapillan Rev. John Frendo li ppreżenta affidavit u hu wkoll xehed *viva voce*; kien ħabib tal-familji rispettivi u kienu marru għandu l-kontendenti qabel iżżewġu u hu ħass illi ż-żwieġ ma kienx sejjer jirnexxi "jiena din l-impressjoni qawwija ta' immaturita` ħadtha għaliex A quddiemi wera ċar li ma kienx ħaseb u ħabbel rasu fuq fatturi importanti, anzi essenzjali, għall-ħajja taż-żwieġ bħal ma huma l-manteniment ta' martu u wliedu, l-istess twelid tat-tfal, il-fatt li setgħa ser ikun missier, il-fatt li kien ikollu responsabilita` ta' familja u b'hekk ikollu responsabilita` kbira rigwardanti x-xogħol". U inoltre: "jiena innutajt li aktar ma joqrob iż-żmien għaż-żwieġ anqas kien juri

interess u serjeta' fejn normalment mill-esperjenza tiegħi jkun il-kontra";

Illi l-Qorti fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali taqbel mal-konsiderazzjoniijiet u mal-konklużjonijiet ta' l-abbli relatriċi u għall-kull *buon fini* u biex jiġu evitatai ripetizzjonijiet inutili, oltre dak li diġa' ntqal hawn fuq tadotta u tagħmel tagħha r-relazzjoni peritali;

Illi dwar it-tieni domanda taċ-ċitazzjoni, l-Qorti tosserva illi dina setgħet ġiet evitata iżda għall-kull *buon fini* sejra tilqagħha peress illi din issegwi skond il-liġi wara li tintlaqa' l-ewwel domanda;

Illi għalkemm fil-premessi l-attriċi bbażat it-talba tagħha fuq nuqqas u vizzju fil-kunsens taż-żewġ kontendenti, l-Qorti mir-riżultanzi proċesswali ma rriżultalha bl-ebda mod li l-istess attriċi uriet in-nuqqasijiet allegati; jiġi pero' osservat illi hija ma ċaħditx l-allegazzjoni magħmula mill-konvenut u ċjoe' illi fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom it-tnejn kienu jpejpu l-ħaxixa; jidher illi l-istess attriċi kienet ħadet l-impressjoni (li forsi kienet aktar biss xewqa) li l-konvenut qata' jew kien ser jaqta' l-vizzju tad-droga bħal ma kien waqaf mix-xogħol bil-lejl. Dan qed jingħad b'referenza għal-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' d-domanda attriċi u tiddikjara null u bla efett iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Novembru, 1988 u dan minħabba nuqqasijiet attribwibbli esklużivament lill-konvenut a tenur ta' dak ikkontemplat fl-artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ; tilqa' wkoll it-tieni domanda kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.